Il-Qorti tħoss li għalkemm ir-ritratti ġew meħuda mis-soċjetà konvenuta meta hija kienet impjegata magħhom dan ma jfissirx li l-konvenuta kellha mano libera li tużahom u lanqas ma għamlet sewwa s-soċjetà konvenuta li qabdet u tathom lill-konvenuta mingħajr il-permess tagħha… omissis… Kwantu għar-responsabbiltà għad-danni però l-Ewwel Qorti, tħoss illi dawn huma tal-konvenuta għaliex hija kienet taf meta użat ir-ritratti li l-attriċi ma kinitx impjegat amagħha, xi ħaġa forsi s-soċjetà konvenuta, ħasbet li se ikun il-każ anke jekk ma kellha ebda dritt tassumi dan.

….omissis…

3. Illi in oltre l-esponenti appellanti, tħoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, ma apprezzatax biżżejjed il-fatt illi, kif irriżulta mill-istess xhieda prodotti quddiemha, kien hemm episodji oħra fejn ir-ritratti mertu ta' dan il-każ effettivament intużaw b'konsapevolezza sħiħa tal-attriċi. ..omissis…

Għaldaqstant wieħed ma jifhimx għala l-attriċi bdiet toġġezzjona għal dawn ir-ritratti u saħansitra fetħet kawża, meta xhur qabel kienet taf perfettament illi dawn l-istess ritratti kienu qed jintużaw diġà minn Myoka Ltd u hi ma oġġezzjonatx għal dan.

…omissis…

4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponenti tissottometti illi l-Onorabbli Prim'Awla naqset milli tapprezza l-fatt illi l-brochures de quo ma baqgħux jintużaw sa minn Lulju 2002. Infatti, l-istess Onborabbli Qorti, ordnat lill-konvenuta sabiex tiddeżisti milli tkompli tagħmel użu mil-istess materjal pubbliċitarju. In oltre, l-esponenti tissottometti bir-rispett ili anke kieku dan ma kienx il-każ, huwa fiżikament impossibbli għaliha illi tottempera ruħha mad-deċiżjoni tal-Qorti, għaliex hija ma għandha l-ebda awtorità legali sabiex tordna lil terza persuna u cioè l-kumpanija Myoka Ltd qua proprjetarja ta' tali materjal sabiex ma tużax l-istess materjal.

(b) Nuqqas tal-Ewwel Qorti illi tiċħad ir-Raba' u l-Ħames talbiet attriċi in vista tal-premess;

Illi mingħajr preġudizzju għal dak kollu premess, l-esponenti tħossha aggravata mid-deċizjoni tal-Qorti, meta dina astjeniet milli tieħu konjizzjoni tar-raba' u l-ħames

judgement, as she is not the right defendant and this because the defendant appellant, could have been never found responsible.

2. That without prejudice to the premised, the applicant also feels aggrieved by the decision of the Court in the judgement above referred that;

The Court feels that although the photos were taken by the defendant company, when she was employed with them this does not mean that the defendant had a free hand to use them and the defendant company did not do the right thing by giving them to the defendant company, without her authorization ...omissis… As for the responsibility for damages the First Court feels that these are to be borne by the defendant because she knew when she used the photos that the plaintiff was not employed with her, something that the defendant company taught would be the case, even if she had no right to assume this.

…omissis…

3. That furthermore the applicant appellant, feels that the Honourable First Court did not appreciate enough the fact, as resulted from the same evidence produced before it, there were various other espisodes, where the photos merit of this case were effectively used with the full knowledge of the plaintiff…omnissis…

Thus one cannot understand why the plaintiff, started to object to these photos and even instiued a law suit, when months before, she perfectly knew that these same photos where already being used by Myoka Ltd and she did not object to this.

…omissis…

4. That without prejudice to the premised, the applicant submits that the Honourable First Hall, failed to appreciate the fact that the brochures de quo were not used since July 2002. Infact the same Honourable Court, ordered the defendant to desist from continuing to make use from the same publicity material. Further more, the applicant respectfully submits that even if this were not the case, it is physically impossible, for her to abide by the decision of the Court because she has no legal authority, to order a third person and namely the company Myoka Ltd qua owner of the said material in order not to use the said material.

(b) Failure of the First Court to reject the fourth and fifth demands of the plaintiff in view of the premised;

That without prejudice to all that premised, the applicant whilst referring to the proof produced before the First Instance and those producible at this stage of Appeal, prays with respect

talbiet attriċi u tissottometti, bir-rispett, illi l-Onorabbli Prim'Awla, kellha abbażi tal-provi prodotti quddiemha, tiċħad tali talbiet attriċi u mhux semplicement tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħhom.

Għaldaqstant u kkunsidrat dak kollu premess, l-esponenti filwaqt li tagħmel referenza għall-provi prodotti in Prim' Istanza u għal dawk produċibbli f'dan l-istadju tal-Appell, titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata tal-15 ta' Ottubru 2008, fl-ismijiet premessi u minflok tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponenti appellanti Marion Mizzi u tiċħad it-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi appellata.

Konvenuta Appellanti: Marion Mizzi, Richmond, Block 5, Flat 3, Triq il-Kbira, San Ġiljan.

Attriċi Appellata: Patricia Vella, 15, The Cousins, S. Dimech Street, Ħal Balzan.

Soċjetà konvenuta …Omissis…

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 17 ta' Diċembru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur,Qrati Ċivili u Tribunali

that this Honourable Court, revokes, cancels and annuls the judgement appealed of the 15th October 2008, in the names premised and instead uphold the pleas of the applicant appellant Marion Mizzi and rejects all the plaintif's demands, with costs of both instances against the respondent plaintiff.

Therefore and considers everything premised, the applicant whilst referring t the evidence presented in the First Instance and for tose to be presented at this stage of Appeal, respectfully requests that this Honorable Court has the pleasure to revoke, repeal and annul the sentence which was appealed for the 15th October 2008, in the names premised and instead accept the exceptions of the appealing applicant Marion Mizzi and rejects the all the claims of the applicant, with costs in both instances against the respondent plaintiff.

Defendant Appellant: Marion Mizzi, Richmond, Block 5, Flat 3,Main Street, St. Julian's.

Respondent Plaintiff: Patricia Vella, 15, The Cousins, S. Dimech Street, Balzan.

Defendant company: ...omissis...

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 17th December 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar Civil Court and Appeals

1929

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-10 ta' Diċembru 2008 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc ta' Spencer Hill, Marsa ppreżentaw talba fit-30 ta' Ottubru 2008 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Okonkwo Emmanuel Onyedi (ID3340A) ta' Dolce Vita, Triq il-Ġiżimin, Swieqi, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €5,830.86 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviz Nru 365/08JAB) hija differita għat-12 ta' Jannar 2009 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 17 ta' Diċembru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 10th December 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 30th October 2008, whereby they asked the Court to condemn Okonkwo Emmanuel Onyedi (ID3340A) of Dolce Vita, Triq il-Ġiżimin, Swieqi, to pay the plaintiff company the sum of €5,830.86 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Notice Number 356/08JAB) is put off to the 12th January 2009 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 17th December 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1930

Ikun jaf kulħadd illi b'diġriet tal-11ta' Lulju, 2008 mogħti mill-Qorti tal-Prim Awla Ċivili (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat mid-Direttur tas-Siġurta Soċjali fil-11 ta' Lulju, 2008, qed jintalab l-iżbank tal-ammont ta' €5,978.12 depożitati b'ċedola numru 369/2006 fl-ismijiet: Saint George's Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et.

Il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors b'ġimgħa żmien għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti Prim Awla Ċivili (Malta), illum is-17 ta' Diċembru, 2008.

ALAN K. ZERAFA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 11th July, 2008 given by the First Hall of the Civil Courts (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civili Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by the Director of Social Services on the 11th July, 2008, is asking for the withdrawal of the amount €5,978.12 deposited by Schedule of Deposit number 369/2006 in the names of: Saint George's Park Company Limited vs Clouds Catering Limited et.

The Court ordered the notification of this application with one week notice for filing a reply.

Registry of the First Hall of the Civil Courts (Malta), today the 17th December, 2008.

ALAN K. ZERAFA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1931

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-16 ta' Diċembru 2008, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skond l-Artikolu 931 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti llum fuq talba ta' George Dickson Bailey u ta' Christine Winifred Hodgson, magħmula b'rikors tal-5 ta' Diċembru 2008 ġie ordnat li jintgħażlu kuraturi deputati skond il-liġi biex jirrappreżentaw lill-wirt battal ta' Pawlu Falzon fl-atti taċ-Ċedola ta' depożitu numru 405/2008 fl-ismijiet "George Dickson Bailey et vs kuratur deputat maħtur minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jirrappreżenta l-wirt battal ta' Pawlu Falzon" ippreżentata fil-5 ta' Diċembru 2008, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuridizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti. U dan sabiex jinfeda ċ-ċens annwu u perpetwu rigwardanti l-fond numru 87, Triq ir-Ramla, Nadur, Għawdex kif ukoll l-garaxx anness mal-istess fond ta' €0.14c u ta' tlieta punt ħamsa Ewro ċenteżmi (€0.03c5) rispettivament.

Min għandu xi interess u jrid jidħol bħala kuratur deputat huwa b'din imsejjaħ biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan u jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien hawn mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur ta' l-uffiċċju.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri

It is herby notified that by a decree dated the 16th December 2008, the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced hereunder for the purpose of service in terms of section 931 of the Code of Organization and Civil Procedure.

Whereas by a decree given today by this Court upon a request by George Dickson Bailey and Christine Winifred Hodgson, made by an application of the 5th December 2008, whereby it was ordered that deputy curators be nominated in terms of law to represent the vacant estate of Paul Falzon in the records of schedule of deposit number 405/2008 in re "George Dickson Bailey et versus deputy curator nominated by this Honorable Court to stand in for the vacant estate of Paul Falzon" filed on the 5th December 2008 in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, as well as in all the other relevant and subsequent acts. And this to redeem the annual and perpetual ground rent burdening the premises number 87, Triq ir-Ramla, Nadur, Gozo as well as the garage annexed thereto, amounting to €0.14c) and of three point five Euro cents (€0.03c5) respectively.

Whoever is interested to be nominated as a deputy curator in this matter is hereby called upon to call at this Court's Registry within six (6) days and make known their interest through a note declaring such interest and if such declaration is not filed within the stipulated time frame, this court will proceed to nominate an official curator.

Issued by the aforementioned Court of Magistrates (Gozo)

hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Paul Coppini, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 16 ta' Diċembru, 2008

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
Ġuridizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali.

Illum 16 ta' Diċembru, 2008

ANTHONY MIZZI
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Superior Jurisdiction under the signature of Magistrate Dr Paul Coppini, a Magistrate of the said Court.

This 16th December, 2008

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)
Superior Jurisdiction, General Section

This 16th December, 2008

ANTHONY MIZZI
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1932

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fid-19 ta'Novembru 2008, fuq rikors ta' Lawrence Baldacchino et ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 29 ta'Jannar, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ B'LIĊITAZZJONI li għandu jsir fil-kurituri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-Fond numru 138, fi Triq Carlo Manchè, Gzira stmat li jiswa €104,822.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Lawrence, John, Alfred u Carmelo lkoll aħwa Baldacchino.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A/C Godwin P. Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-10 ta' Ottubru 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 3 ta' Diċembru 2008.

ALAN ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 19th November 2008, on the application of Lawrence Baldacchino et,Thursday, 29th January, 2009 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY LICITATION, to be held in corridors of of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

The tenement number 138, Carlo Manchè Street, Gzira valued at €104,822.

The said tenement is the property of Lawrence, John, Alfred and Carmelo brothers Baldacchino.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by A/C Godwin P. Abela on 10th October 2007.

Registry of the Superior Courts, 3rd December 2008.

ALAN ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1933

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fit-18 ta' Diċembru, 2008 fuq rikors ta' Bartolo Anġlu (KI 140453 M) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 14 ta' Jannar, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-Bejgħ bl-Irkant li għandu jsir f'3D, Sunflower Court, Triq Gianni Vella, Swatar tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand Grech Victor (KI 761150M)

Fitted kitchen, mejda u sitt siġġijiet u salott 3 seater

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 18 ta' Diċembru, 2008.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS), MA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall on 18 December, 2008 on the application of Bartolo Anġlu (ID 140453M), Wednesday, 14 January, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the Sale by Auction to be held at 3D, Sunflower Court, Triq Gianni Vella, Swatar, of the following items seized from the property of Grech Victor (ID 761150M).

Fitted kitchen, table and 6 chairs and sofa 3 seater

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 18 December, 2008.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS), MA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

1934

B' digriet mogħti fl-4 ta' Diċembru 2008, fl-atti tar-Rikors Numru 590/08 GV, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Rovic Ironmongery Stores Limited, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Victor Parnis, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

B'rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs 1. Rovic Ironmongery Stores Limited (C14620) 2. Victor u Rose miżżewġin Parnis (ID Nri 370557M u 433364M) fis-6 ta' Ġunju 2008, ir-rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. esponew u talbu bir-rispett:

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Maurice Gambin, datat 20 ta' Frar 2004, (Dok A) fejn l-intimati ddikjaraw ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri tas-soċjetà rikorrenti …omissis.. fis-somma ta' mija u erbgħin elf, ħames mija u tlieta u tmenin Ewro u disgħa u tletin ċenteżmu (€140,583.39) flimkien mal-imgħax u spejjeż relattivi, oltre l-imgħaxijiet ulterjuri, sal jum tal-pagament effettiv.

Illi għaddew aktar minn tliet (3) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jiġi eżegwit u d-debitu tal-intimata għadu ma tħallasx u għalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Illi din l-interpellanza qed issir mingħajr preġudizzju għall-proċeduri oħra intavolati kontra Victor u Rose miżżewġin Parnis, mis-soċjetà mittenti għall-bilanċi oħra minnhom dovuti.

Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tawtorizzaha teżegwixxi il-kuntratt datata fl-20 ta' Frar 2004, in atti Nutar Dottor Maurice Gambin (Dok A) fl-ismijiet fuq imsemmija bl-ispejjeż, kontra l-istess intimati.

Soċjetà Rikorrenti: Bank of Valletta p.l.c.
1/5, Palace Square,
Valletta.

Intimati: 1. …..Omissis……
2. Victor Parnis, Flat 11, Savoy Flats,
Triq il-Kavalli, Buġibba.
3. …Omissis…

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 19 ta' Diċembru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 4th December 2008, in the records of the Application Number 590/08 GV, in the names Bank of Valletta p.l.c. vs Rovic Ironmongery Stores Limited, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Victor Parnis, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By an application filed in the First Hall Civil Court, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs 1. Rovic Ironmongery Stores Limited (C14620) 2. Victor u Rose spouses Parnis (ID numbers 370557M) and 433364M) on the 6th June 2008, the applicant Bank of Valletta p.l.c. pleaded and respectfully asked:

That in virtue of a contract of constitution of debt in the records of Notary Dr Maurice Gambin, dated 20th February 2004 (Dok A) whereby the respondents declared themselves true, certain and liquid debtors of the applicant company…omissis… in the sum of one hundred forty thousand five hundred and eighty three Euro and thirty nine cents (€140,583.39) together with interest and the relative expenses, besides further interest till the day of effective payment.

That there elapsed more than three (3) years from when the contract above mentioned could have been executed and the debt of the respondent has not yet been paid and thus this application had to be made.

That this calling is being made without prejudice to other procedures filed against Victor and Rose spouses Parnis, by the interpellant company, for other balances due by them.

Thus the applicant company humbly prays that it be authorized by this Honourable Court, to execute the contract dated 20th February 2004, in the records of Notary Dr Maurice Gambin (Doc A) in the names above mentioned, with costs, against the same respondents.

Applicant Company: Bank of Valletta p.l.c.
1/5, Palace Square,
Valletta.

Respondents: 1. ...Omissis...
2. Victor Parnis, Flat 11,
Savoy Flats, Triq il-Kavalli, Buġibba.
3 …Omissis……

Registry of the Superior Courts, today 19th December 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1935

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-2 ta' Awwissu, 2008 fuq rikors ta' Bank of Valletta PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 22 ta' Jannar, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-27 ta' Ġunju, 2008 li għandu jsir fil-kurituri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond markat bin-numru uffiċjali 140, bl-isem 'Spring Valley', u l-garaxx sottostanti fi Triq Blat il-Qamar, Siġġiewi, mibni fuq plot numru 7, suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu rivedibbli €139.80, stmat li jiswa €326,000.

Il-ġnien huwa proprjetà ta' Mario (KI 494368M) u Mary Grace (KI 444264M) konjuġi Cachia.

N.B. L-imsemmija proprjetà tinbiegħ bħalma ġie deskritta mill-AIC Paul Micallef fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-1 ta' Ottubru, 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Diċembru, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 2nd August, 2008 on the application of Bank of Valletta PLC, Thursday, 22nd January, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 27th June, 2008 to be held in the corridors of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Tenement officially marked with number 140, named 'Spring Valley', and the underlying garage in Blat il-Qamar Street, Siggiewi, built on plot number 7, subject to an annual and perpetual revisable ground rent of €139.80, valued at €326,000.

The garden is the property of Mario (ID 494368M) and Mary Grace (ID 444264M) spouses Cachia.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Paul Micallef on 1st October, 2008.

Registry of the Superior Courts, this 10th December, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1936

B'digriet tas-16 ta' Diċembru 2008, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet tal-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fis-16 ta' Diċembru 2008, fuq talba ta' Sandra Zammit, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Salem Ali Founi, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 473/08 AF, fl-ismijiet 'Sandra Zammit vs Kuraturi Deputati' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma

By a decree of the 16th December 2008, the Civil Court (Family Section) ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 16th December 2008, following a request Sandra Zammit. It was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Salem Ali Founi, in the records of the Sworn Application 473/08 AF, in the names 'Sandra Zammit vs Deputy Curators' and in the relative and subsequent acts.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails

jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuratur tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lino Farrugia Sacco BA., LLD

Illum 16 ta' Diċembru,2008.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 19 ta' Diċembru 2008.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

to make this declaration within the stipulated, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section) above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Lino Farrugia Sacco BA., LL.D.

Today 16th December, 2008.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 19th December, 2008.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1937

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl-4 ta' Diċembru, 2008 fuq rikors ta' G.A. Investments Limited ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 22 ta' Jannar, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-24 ta' Mejju, 2007 li għandu jsir fil-kurituri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

1. Il-ġnien li kien parti iżda ġie mifrud mid-dar bl-isem "Mariana" u numerat mija tmienja u sebgħin (178), fi Triq il-Kbira, Ħal Balzan, tal-kejl superfiċjali ta' tmien mija u sebgħin (870) metru kwadru, u konfinanti mill-Majjistral ma' Triq R. Mifsud Bonnici, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu stmat li jiswa €931,749.36.

2. Il-maisonette u l-garage fil-livell ta' basement sottopost għall-istess maisonette, it-tnejn mingħajr numru iżda bl-isem "El Shaddai", Triq Giovanni Balaguer, Ħal Balzan, kif soġġetti għal ċens annwu u perpetwu ta' €93.17, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertitnenzi kollha tiegħu, bl-arja relattiva tiegħu, stmati li jiswew €186,349.87 u €34,940.60 rispettivament.

Il-ġnien huwa proprjetà ta' Venille Co. Ltd. (C17269) u l-maisonette u l-garage jappartjenu lil Neville (228369M) u Michelle (367671M) konjuġi Spiteri.

N.B. L-imsemmija proprjetà tinbiegħ bħalma ġie deskritta mill-AIC Conrad Thake fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-5 ta' Novembru, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Diċembru, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 4th December, 2008 on the application of G.A. Investments Limited, Thursday, 22nd January, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 24th May, 2007 to be held in the corridors of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Garden formerly part of the house named 'Mariana' and numbered one hundred seventy eight (178), in Main Street, Balzan, measuring approximately eight hundred seventy meters squared, confining from the North-West with R. Mifsud Bonnici Street, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, valued at €931,749.36.

2. Maisonette and garage at basement level underlying the same maisonette, both unnumbered but named 'El Shaddai', Giovanni Balaguer Street, Balzan, as subject to the annual and perpetual ground rent of €93.17, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, with its relative airspace, valued at €186,349.87 u €34,940.60 respectively.

The garden is the property of Venille Co. Ltd. (C17269) and the maisonette and garage belong to Neville (228369M) and Michelle (367671M) spouses Spiteri.

N.B. The said tenement will be sold as described in thereport sworn by AIC Conrad Thake on 5th November 2007.

Registry of the Superior Courts, this 10th December, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1938

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tat-3 ta' Diċembru, 2008, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skond l-Artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-14 ta' Novembru, 2008, minn HSBC Bank Malta Plc l-imsemmi Bank qed jitlob li jagħmel offerti Animo Compensandi fil-bejgħ bl-irkant 99/07 fl-ismijiet: HSBC Bank Malta Plc vs La Palma Imports Limited. Il-Qorti ordnat in-notifika ta' dan ir-rikors lill-partijiet interessati li jkollhom tlett ijiem biex iwieġbu.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 16 ta' Diċembru, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given on the 3rd December, 2008 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on 14th November, 2008 by HSBC Bank Malta Plc, the said Bank is asking to make bids Animo Compensandi in the Sale by auction 99/07 in the names: HSBC Bank Malta Plc vs La Palma Imports Limited. The Court ordered the notification of this application to the interested parties that will have three days to reply.

Registry of the Superior Courts, this 16th December, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1939

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl-4 ta' Diċembru, 2008 fuq rikors ta' Carmelo Sciberras ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 20 ta' Jannar, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-10 ta' April, 2008 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fondi hawn taħt deskritti.

Flat internament immarkat bin-numru wieħed (1), formanti parti minn blokk flats bla numru, bl-isem 'Mercury Flats', fi Triq Santa Venera l-Imsida, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, stmat li jiswa €98,000.

L-imsemmija fondi huwa proprjetà ta' Catherine Mifsud (KI 252982M).

N.B. L-imsemmija fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-AIC Paul Micallef fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-27 ta' Mejju 2008.

N.B. Il-proprjetà mibjugħa f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Diċembru, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 4th December, 2008 on the application of Carmelo Sciberras, Tuesday 20th January, 2009 from 9.00 a.m. to noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 10th April, 2008 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following properties.

Flat internally marked with number one (1), forming part of an unnumbered block of flats, named 'Mercury Flats', in Saint Venera Street, Msida, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, valued at €98,000.

The said tenements are the property of Catherine Mifsud (ID 252982M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Paul Micallef on 27th May 2008.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 10th December, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1940

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti tat-12 ta' Diċembru, 2008 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Antonio Mizzi), laqgħet it-talba ta' Emmanuel u Charlene konjuġi Farrugia fil-kumpilazzjoni numru 427/2001 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Norbert Ciappara)

vs

Angelo Zahra, 58 sena, iben Joseph u Grazia neè Zammit, imwieled Mqabba fid-29 ta' Awwissu, 1949 u residenti Shekinah, Bidnija Road, Bidnija, detentur tal-karta tal-identità 751849 (M)

AWTORIZZAT lill-Angelo Zahra jittrasferixxi ż-żewġ appartementi internament immarkati bin-numru 2 u 3 fi Blokk ta' appartamenti bl-isem ta' Monte Rose Flats, Triq is-Siġra, San Ġwann minn fuq ismu għal fuq isem Emmanuel u Charlene konjuġi Farrugia ta' 107, Ever United, Triq Tumas Galea, Birkirkara u dan skont l-Artikolu 22A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 19 ta' Dicembru 2008
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta),

JOSEPH SACCO
Reġistratur
Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

It is being notified that by virtue of a decree dated 12th December, 2008 given by the Court of Magistrates (Malta), as a Court of Criminal Inquiry, Magistrate Dr Antonio Mizzi acceded to the request made by Emmanuel and Charlene spouses Farrugia in the case (number 427/2001) in the names;

The Police
(Inspector Norbert Ciappara)

vs

Angelo Zahra, 58 years, son of Joseph and Grazia neè Zammit born in Mqabba on the 29th August, 1949 and residing at Shekinah, Bidnija Road, Bidnija and holder of identity Card bearing number 751849 (M);

AUTHORISED the said Angelo Zahra to transfer two apartments internally marked numbers 2 and 3 in a block of flats namely Monte Rose Flats, Triq is-Siġra, San Ġwann from his name to the names of Emmanuel and Charlene spouses Farrugia of 107, Ever United, Triq Tumas Galea, Birkirkara in terms of Section 22A of Cap. 101 of the Laws of Malta.

Today 19th December 2008
Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

JOSEPH SACCO
Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*